**Appell ippreżentat fit-23 ta' Mejju 2014 minn ADR Center Srl mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (Il-Ħames Awla) fit-23 ta' Marzu 2014 fil-Kawża T-110/14: ADR Center Srl vs Il-Kummissjoni Ewropea**

**(Kawża C-259/14 P)**

(2015/C 046/23)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Appellanti:* ADR Center Srl (rappreżentanti: L. Tantalo, avukat, G. De Palo, avukat)

*Parti oħra fil-proċedura:* Il-Kummissjoni Ewropea

Permezz ta' digriet tal-4 ta' Diċembru 2014, il-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Sitt Awla) iddeċidiet li l-appell kien inammissibbli.

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Oberster Gerichtshof (l-Awstrija) fil-31 ta' Ottubru 2014 – KA Finanz AG vs Sparkassen Versicherung AG Vienna Insurance Group**

**(Kawża C-483/14)**

(2015/C 046/24)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Qorti tar-rinviju**

Oberster Gerichtshof

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Konvenuta fl-ewwel istanza u appellanti:* KA Finanz AG

*Rikorrenti fl-ewwel istanza u appellata:* Sparkassen Versicherung AG Vienna Insurance Group

**Domandi preliminari**

1) L-Artikolu 1(2)(e) tal-Konvenzjoni ta' Ruma dwar il-liġi applikabbli għall-obbligi kuntrattwali ([1]) għandu jiġi interpretat fis-sens li

   a) operazzjonijiet ta' ristrutturazzjoni bħal inkorporazzjonijiet u diviżjonijiet u

   b) ir-regola ta' protezzjoni tal-kredituri fil-kuntest ta' tali operazzjonijiet ta' ristrutturazzjoni, imsemmija fl-Artikolu 15 tat-Tielet Direttiva tal-Kunsill 78/855/KEE, tad-9 ta' Ottubru 1978, ibbażata fuq l-Artikolu 54(3)(ġ) tat-Trattat dwar l-għaqda ta' kumpanniji b'responsabbiltà pubblika limitata ([2]), jaqgħu taħt il-klawżola ta' esklużjoni tad-"dritt tal-kumpanniji" mill-kamp ta' applikazzjoni tal-imsemmija konvenzjoni?

2) Ir-risposta hija l-istess fil-każ li jiġi applikat l-Artikolu 15 tad-Direttiva 2011/35/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-5 ta' April 2011, dwar il-mergers ta' kumpanniji pubbliċi b'responsabbiltà limitata ([3])?

3) Fil-każ ta' risposta fl-affermattiv għall-ewwel u għat-tieni domandi: l-esklużjoni mill-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 593/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-17 ta' Ġunju 2008, dwar il-liġi applikabbli għall-obbligazzjonijiet kuntrattwali (Ruma I) ([4]), imsemmija fl-Artikolu 1(2)(d) tal-imsemmi regolament – dispożizzjoni li ġiet wara l-Artikolu 1(2)(e) tal-Konvenzjoni ta' Ruma – twassal għall-istess riżultat jew għandha tiġi interpretata b'mod differenti? Jekk iva, b'liema mod?

4) Id-dritt primarju tal-Unjoni, u b'mod partikolari l-libertà ta' stabbiliment skont l-Artikolu 49 TFUE, il-libertà li jiġu pprovduti servizzi skont l-Artikolu 56 TFUE jew il-moviment liberu tal-kapital u libertà tal-pagamenti skont l-Artikolu 63 TFUE, jipprovdi indikazzjonijiet rigward ir-regoli ta' kunflitt li għandhom jiġu applikati għall-inkorporazzjonijiet, u b'mod partikolari rigward il-punt dwar jekk il-liġi applikabbli hijiex il-liġi nazzjonali tal-Istat tal-kumpannija li qed tiġi inkorporata jew il-liġi nazzjonali tal-kumpannija li qed twettaq l-inkorporazzjoni?